Index No. 145

"Il-Kedu Lieghi"

145

"Il-Kredu tieghi".

Li wiehid jemmen f'Alla hija haġa mehtieġa. Għaliex mingħajr dan it-twemmin xejn ma jiftiehem u xejn ma jil-fisser. Alla huwa l-istess dawl, l-istess Gћabija, l-imħabba, l-hajja u l-verità.

Minnu jitnissel dak ix-xrar ta' mħabba li jħoss fih it-tajjeb, il-ġust, u s-sewwa.

Huwa hu l-kreatur ta' dak li jidher u ta' dak li ma jidhirx, ta' dak li hu spiritwali u ta' dak li hu materjali.

Ebda ħaġa mitmuma, m'għandha fiha nnifisha l-tifsir tal-essenza u tal-eżistenza tagħha.

Kollox huwa dovut lejn il-Kreatur.

Nemmen f'Alla, il-missier ta' l-esseri intelligenti, twajjeb u twelsa, li ma jiddependux minnu biss bħala kreaturi imma bħala ulied magħżulin Minnu.

Nemmen fil-Providenza Divina li tħares kull-ħaġa maħluqa, kull-pjaneta, kull-galassja imma, l-insetti, l-għasafar, il-ħut u l-bhejjem, imma fuq kollox jieħu ħsieb il-bnedmin, sultan u sovran ta' dak kollu li ġie maħluq.

Nemmen f'Alla, l-imħallef ġust li jippremja it-tajjeb u jikkastiga l-ħażin.

Nemmen f'Ġesù Kristu, l-Iben t'Alla magħmul bniedem, biex jeħles lil-bnedmin mid-dnub.

Nemmen f'din id-dinja imma Maria

Verġni, bl-opra tà l-Ispirtu Santu,
il-twelid kuruna tat-Trinità
Mqaddsa.
Li ~~għaliha huwa dovut~~ minnha twieled il-gawżija
tal-qlub.

Nemmen fil-Knisja Mqaddsa Kattolika
u Appostolika, li ġiet imwaqqfa minn
Sidna Ġesù Kristu fuq dik il-ġebla
li hija Pietru li-twieh li huwa
jissokta fid-dinja l-opra tas-
salvazzjoni tagħha.

Nemmen fit-tagħlim li sa twettaq
u f'dik ġejjiena, fid-Ġenna
li ġiet imħejjija għat-~~magħżulin~~
tajbin u fl-infern għal dawk
ħżiena.

Nemmen fil-qawmien ~~fl-aħħar
tad-dinja~~ u fil-ħaqq li jrid
isir mill-bnedmin fl-aħħar tad-
dinja li jkun ifisser it-tmiem
tà l-umanità!

Nemmen fid-destin tiegħi, etern
u immortali, fil-ħajja li jasal-
għalija l-imħabba t'Alla, fis-
sejħa tiegħi għal-Kristjaneżmu u
fil-vokazzjoni biex naħdem
flimkien ma' Kristu għal ġid
u għal progress tad-dinja bazza
minn dak li jwassal għas-
salvazzjoni tal-bnedmin.

26/6/77.

[signature]